MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2015

Numru. 76/2007

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs**

**Vincent Spalding**

**(ID 13903(A))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Vincent Spalding ta' 33 sena, iben John u Carmen nee` Agius, imwieled gewwa l-Pieta` fid-19 ta' April 1973, residenti gewwa 66, Triq il-Lazzru, Bormla u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 13903(A);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' April 2006 u tliet xhur qabel, gewwa Haz-Zabbar u bnadi ohra f'Malta, f'hinijiet differenti:

1) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2) Kif ukoll kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2010, l-imputat irregistra ammissjoni dwar l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, hlief ghall-pussess bl-aggravanti in kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni;

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2015, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mismugha f'din il-kawza sa llum quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi skond ix-xhieda tal-**Ispettur Nezren Grixti**, nhar it-28 ta' April 2006, l-imputat kien qieghed f'vettura misjuqa minn terza persuna gewwa l-akkwati ta' Haz Zabbar, meta gie mwaqqaf minn membri tal-Forzi Armati u gie nnutat jarmi xi oggett mill-istess vettura. Irrizulta li fost l-affarijiet hekk mormija, kien hemm bajda tal-*kinder* li kien fiha erbatax-il pakkett bi trab kannella allegatament eroina, borza tal-*plastic* ossia kantuniera b'izjed trab kannella, sustanza suspettata raza tal-*cannabis* u pakkett tar-Rizla. L-imputat gie mehud gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija u rrilaxxja stqarrija nhar id-29 ta' April 2006. Huwa esebixxa l-oggetti hekk misjuba bhala Dok. NG. In kontro-ezami, ix-xhud jghid illi l-imputat gie addebitat bl-imputazzjoni ta' pussess aggravat tad-droga eroina stante illi fil-pussess tieghu, instabu erbatax-il pakkett bi droga eroina. Ix-xhud ikkonferma wkoll l-istqarrija li giet rilaxxjata mill-istess imputat.[1] Din tinsab esebita a fol. 2 *et seq* tal-process. **PS 1355 Cleon Purshouse**, imbaghad, ikkonferma l-firma tieghu u l-firem tal-Ispettur Grixti u tal-imputat fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat u li l-imputat inghata s-solita twissija mill-Ufficjal Investigatur qabel ma beda l-interrogatorju tieghu.[2]

[1] Ara x-xhieda tal-Ispettur Nezren Grixti, a fol. 20 *et seq* tal-process.
[2] A fol. 25 *et seq* tal-process.

Jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar 2010[3], illi d-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq lill-Ufficjali tal-Armata li waqqfu lill-imputat fil-jum in kwistjoni u dan stante illi l-pussess (semplici) tad-droga mertu tal-kaz fil-fatt kien qed jigi ammess mill-istess imputat.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fid-29 ta' April 2006[4], **l-imputat** qal illi dak iz-zmien ma kienx jahdem u li l-ahhar li hadem kien xi disa' snin qabel. Qal illi ma kienx mizzewweg izda kellu zewgt itfal – tifla ta' erbatax-il sena u tifel ta' seba' snin. Mistoqsi jekk ghandux xi tip ta' *relief*, huwa wiegeb li jircievi Lm35 fil-gimgha. Huwa kkonferma illi fil-jum ta' qabel ghall-habta tal-10.00 p.m. gewwa Haz-Zabbar, waqt li kien gewwa vettura b'numru ta' registrazzjoni ABM 824 bhala passiggier, gie osservat jarmi kontenitur tal-*plastic* (bajda tal-*kinder*) li fih kien hemm erbatax-il *sachet* tal-karti bi trab kannella allegatament eroina, imgezwra f'bicca *aluminium foil*, kantuniera ta' borza tal-*plastic* bi trab kannella ukoll allegatament eroina u bicca blokka ta' kulur kannella allegatament raza tal-*cannabis* u qal illi d-droga misjuba hija kollha tieghu. L-imputat qal ukoll illi huwa ghandu problema ta' droga eroina u li kien ilu jaghmel uzu minn din id-droga ghal dawk l-ahhar xahrejn. Mistoqsi kemm juza droga eroina kuljum, huwa qal illi juza erba' pakketti tal-Lm5 eroina kuljum. Mistoqsi b'kemm jixtri droga eroina, huwa wiegeb li jixtri madwar erba' pakketti cioe` Lm20 kuljum fuq droga. Mistoqsi ghalfejn id-droga kienet maqsuma f'erbatax-il pakkett tal-karti, qal illi huwa stess jaghmel l-istess pakketti biex ikun jaf kemm qed jiehu droga kuljum. Mistoqsi kif kien jikkalkula biex jaghmel dawn il-pakketti meta fir-residenza tieghu ma nstab l-ebda mizien, huwa qal illi juza ponta ta' sikkina biex jaqsam id-droga. Sussegwentement qal ukoll illi kien jixtri gramma fil-gimgha u kien ihallas Lm20. Qal illi fil-hin li gie mwaqqaf, huwa kien sejjer id-dar u li kull fejn imur izomm id-droga fuqu, biex meta jkollu bzonn, jahraq pakkett. Qal illi fl-istess jum (ossia fil-jum ta' qabel), huwa diga` kien ha tlieta u kien imiss ir-raba' wiehed. Qal ukoll illi d-droga li kien hemm fil-kantuniera tal-borza tal-*plastic*, kienet id-droga li fadal mill-gramma, liema droga kien ghadu m'ghamilhiex f'*sachets.* Qal illi l-ahhar li kien uza droga kien ghall-habta tat-8.30 p.m. gewwa

---

[3] A fol. 19 tal-process.
[4] A fol. 2 *et seq* tal-process.

Wied il-Ghajn. Qal illi fil-pussess tieghu, kellu wkoll ir-raza tal-*cannabis* u li din kienet fuqu biex ipejjipha. L-ahhar li kien ghamel uzu mill-*cannabis* kien fil-jum ta' qabel ghall-habta tad-9.00 p.m. gewwa Wied il-Ghajn. Qal illi huwa kien ghamel uzu mill-istess droga li nstabet fuqu. L-imputat qal ukoll illi huwa qatt ma biegh eroina jew *cannabis*.

Mir-relazzjoni ta**l-Ispizjar Mario Mifsud**[5], jirrizulta illi d-dokument li huwa gie moghti ghall-analizi kien jikkonsisti f'borza tal-*plastic* trasparenti li fuqha kien hemm *label* bajda bil-kliem *"Data 28.4.06, Hin 21.50 hrs, Elevat/i minn vett ABM-824, fil-prezenza ta' Vincent Spaldang, minn Capt Harrison, GNR 85212, SGT 6374, AFM"*. F'din il-borza kien hemm kontenitur tal-*plastic* ta' lewn isfar li kien vojt u pakkett ta' lewn celesti ta' karti tal-brim tas-sigaretti tal-marka 'Rizla'. Kien hemm ukoll tliet boroz tal-*plastic* trasparenti li kien fihom: borza a) bicca *foil* u sustanza ta' lewn kannella; borza b) borza zghira tal-*plastic* trasparenti li go fiha kien hemm trab ta' lewn kannella; borza c) bicca *foil* u erbatax-il qartas tal-karti bi trab ta' lewn kannella fihom. Skond il-konkluzjonijiet tal-istess espert:

a) Il-blokka zghira ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument imsemmi, f'ammont nett totali ta' 0.32 grammi, instabet li kienet raza tal-pjanta tal-*cannabis* u fiha nstabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* ossia sustanza li tinsab fil-pjanta tal-*cannabis*. Il-purita` medja tal-blokka ghal din is-sustanza kienet ta' cirka 2.4%.

b) Fit-trab kannella li kien hemm f'borza zghira tal-*plastic* u fl-erbatax-il qartas tal-karti, f'ammont nett totali ta' 0.77 grammi, instabet is-sustanza Herojina. Il-purita` tat-trab kannella kienet ta' cirka 27.3%.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Dwar ir-reat tal-pussess bl-aggravanti, intqal hekk fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

---
[5] Esebita a fol. 30 tal-process.

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."*

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Illi f'dan il-kaz l-imputat irregistra ammissjoni dwar il-fatt illi fit-28 ta' April 2006, huwa nstab fil-pussess *inter alia* tad-droga eroina u m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt illi huwa kellu fil-pussess tieghu, apparti borza zghira tal-*plastic* bl-eroina, numru ta' qratas li wkoll kien fihom l-istess droga. Id-difiza tikkontendi illi l-imputat kellu l-vizzju tad-droga u li allura d-droga misjuba fil-pussess tieghu kienet intiza biss ghall-uzu personali tieghu. Fi kliem iehor, dak li qeghda tikkontesta d-difiza huwa l-pussess aggravat tal-istess droga.

Biss il-fatt illi fiz-zmien in kwistjoni, l-imputat kellu l-vizzju tad-droga – u skond l-istess imputat, kif jghid fl-istqarrija tieghu, huwa kien jikkonsma erba' pakketti eroina kuljum tal-Lm5 il-wiehed - ma jeskludix necessarjament illi d-droga li nstabet fil-pussess tieghu ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu. Kif inghad fis-sentenzi fuq citati, il-Qorti trid tevalwa c-cirkostanzi kollha li fiha nstabet id-droga in kwistjoni u jekk, minkejja li jirrizultalha li fl-istess zmien, l-imputat kien jaghmel huwa stess uzu mill-istess droga, tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, a bazi tal-provi li jitressqu quddiemha, illi dak il-pussess tad-droga ma kienx ghall-uzu esklussiv ossia ghall-uzu biss tal-imputat, allura l-Qorti ghandha ssib htija tal-pussess tad-droga bl-aggravanti.

Issa f'dan il-kaz, kif inghad, l-imputat instab fil-pussess ta' <u>erbatax-il qartas bid-droga eroina</u> u dan waqt li kien qieghed f'vettura ma' terza persuna, gewwa Haz-Zabbar, fi triqtu lejn id-dar. Mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta wkoll illi ftit tal-hin qabel huwa kien qieghed Wied il-Ghajn. Skond ir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, apparti t-trab fil-borza tal-*plastic* li kellu piz ta' 0.16 grammi, mill-bqija il-piz tat-trab fl-erbatax-il qartas kien is-segwenti: tmint iqratas b'piz ta' 0.04 grammi, erbat iqratas b'piz ta' 0.05 grammi, qartas b'piz ta' 0.06 grammi u iehor b'piz ta' 0.03 grammi. Kif inghad izjed 'il fuq, il-piz totali tat-trab kien ta' 0.77 grammi.

Il-Qorti tqis illi huwa ferm sinjifikanti illi l-imputat instab fil-pussess ta' ben erbatax-il qartas u trab f'borza ohra f'piz totali li, ghalkemm mhux xi ammont kbir, lanqas ma kien wiehed negligibbli u li l-pizijiet tal-qratas kienu fil-maggor parti taghhom identici. Il-Qorti tqis il-fatt li d-droga tqassmet mill-imputat b'tant precizjoni f'erbatax-il qartas bhala wiehed krucjali. Il-gustifikazzjoni li jaghti l-istess imputat fl-istqarrija tieghu dwar dan hija illi huwa jaqsam id-droga f'pakketti biex ikun jaf b'kemm qed jiehu droga kuljum. Madankollu, il-Qorti tirrileva fl-ewwel lok, illi huwa fatt ben risaput illi d-droga tinbiegh 'fuq is-suq' fi qratas. Fit-tieni lok, il-Qorti tqis illi l-qratas kienu maqsuma b'tant precizjoni li juri li l-imputat ma tantx kellu diffikulta` jikkalkula anke ammonti zghar ferm ta' droga, liema precizjoni fil-kalkolu tal-ammont, l-imputat wasal ghaliha minkejja li ma nstablu l-ebda mizien elettroniku jew xi mizien ta' tip

iehor, izda anzi skond hu, billi kien juza ponta ta’ sikkina biex jaqsam id-droga biha. Ma kien ghalhekk difficli xejn ghall-imputat li jikkalkula kemm kien jiehu droga kuljum u ma kellux ghalfejn jaqsam id-droga fi qratas ghal din ir-raguni. Tqis ukoll illi minkejja li l-imputat kien jabbuza mid-droga, ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex kellu joqghod izomm dawn il-qratas kollha fuqu u jigri barra bihom. Anzi mill-istqarrija tieghu, jirrizulta illi huwa kien jaghmel uzu minn erbat iqratas kuljum u ghalhekk ghalkemm huwa jghid illi huwa kien izomm id-droga fuqu kull fejn imur, sabiex jahraq minnha meta jkollu bzonn, ma kellux ghalfejn izomm fil-pussess tieghu dik il-kwantita` kollha ta’ qratas. Fl-istess stqarrija, l-imputat jghid illi fil-jum in kwistjoni huwa kien diga` ha tlett iqratas u kien imiss ir-raba’ wiehed – ghalhekk zgur ma kellux ghalfejn johrog b’erbatax-il qartas fuqu, apparti borza ohra bl-eroina (b’piz ta’ 0.16 grammi) li minnha kien johrog erbat iqratas ohrajn b’piz ta’ cirka 0.04 ‘il wiehed ossia l-piz medju tal-erbatax-il qartas u apparti wkoll illi huwa jghid li ftit qabel gewwa Wied il-Ghajn kien ghadu kif ikkonsma mill-eroina li kellu.

Imbaghad il-Qorti tqis ukoll illi kif jghid hu stess fl-istqarrija tieghu, fl-istess zmien l-imputat ma kienx jahdem, kien ilu ma jahdem xi disa’ snin u kien jircievi *relief* ta’ Lm35 fil-gimgha. L-imputat kellu l-vizzju tad-droga eroina – li skond hu kien jixtriha bil-prezz ta’ Lm20 il-gramma fil-gimgha[6] - u li ghalhekk kienet tiswieh izjed min-nofs dak li kien jippercepixxi fil-gimgha, kien jikkonsma wkoll ir-raza tal-*cannabis* li naturalment, ukoll kienet tiswieh il-flus u ried ukoll il-flus biex jghix. F’dawn ic-cirkostanzi, huwa tassew inverosimili illi l-imputat ma kellux dhul iehor minn banda ohra sabiex tal-inqas imantni l-vizzju tieghu.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi dawn ic-cirkostanzi kollha – mehudin flimkien - li fihom instabet id-droga, il-mod preciz kif din kienet maqsuma, in-numru ta’ qratas, kif ukoll is-sejba ta’ dawn il-qratas kollha fil-pussess tal-imputat waqt li huwa kien qieghed barra minn daru u li in oltre fiz-zmien in kwistjoni l-istess

[6] Ghalkemm f’punt iehor fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid ukoll illi huwa jixtri “*madwar erba’ pakketti cioe` Lm20 kuljum fuq droga*” u li juza “*erba’ pakketti ta’ Lm5 eroina kuljum*”, il-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni illi l-imputat jghid ukoll illi huwa kien jixtri gramma kull gimgha bil-prezz ta’ Lm20 u illi skond il-“*Malta National Report 2007*”, il-prezz medju ta’ gramma eroina fis-sena 2006 kien ta’ €46 u ghalhekk kwazi Lm20.

imputat ma kellux impjieg u li lanqas ma kellu mpjieg fid-disa' snin ta' qabel, iwasslu lill-Qorti sal-konvinciment morali illi tali cirkostanzi jindikaw illi d-droga eroina ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tal-istess imputat.

Ghaldaqstant, tqis illi l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, jirrizulta car mill-istqarrija tal-imputat illi fiz-zmien in kwistjoni, huwa kien jaghmel uzu wkoll mir-raza tal-*cannabis* u li l-ahhar li kien abbuza minn din id-droga kien fil-jum mertu tal-kaz. Fil-pussess tieghu, instabet ir-raza tal-*cannabis* f'piz nett totali ta' 0.32 grammi, kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tqis fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati odjerni, mil-liema fedina penali jirrizulta illi huwa gie kkundannat dwar serq aggravat (f'zewg okkazzjonijiet), hsara volontarja u ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta (f'erba' okkazzjonijiet). Il-fedina penali aggornata tal-imputat baqghet ma gietx esebita mill-Prosekuzzjoni.

Qieset ukoll il-piz u l-purita` tad-droga in kwistjoni, kif ukoll in-numru ta' qratas li nstabu fil-pussess tal-imputat.

Ikkunsidrat ukoll illi ghalkemm din il-kawza tirrisali ghas-sena 2006, mill-atti jirrizulta car illi d-dewmien kien dovut ghal ragunijiet imputabbli lill-imputat, fosthom l-intransigenza tieghu.

Il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu jirrigwarda t-tieni imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 4(1) u (2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ghall-**piena ta' tnax-il (12) xahar prigunerija effettiva** u **multa ta' seba' mitt Euro (€700)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' tletin Euro (€30), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, qeghda tikkundanna lill-hati ghall-**penali ta' hamsin Euro (€50)**.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti ghas-somma ta' hames mija, tlieta u ghoxrin Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€523.26). Din is-somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien tmintax-il xahar mil-lum, b'dan illi jekk huwa jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga, esebita bhala Dokument NG, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------